Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 232 / 2017

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Paul Spagnol

Omissis

Illum, 02 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Paul Spagnol, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 224267M u Omissis, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-23 ta' Ġunju 2010 u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data :

1. Għamlu atti ta' money laundering billi :-

a) ikkonvertew jew ittrasferixxew proprjeta` meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' , attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaga b' oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew konċernati f' attivita' kriminali;

b) ħbew jew urew ħaġa b′ oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta′ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta′ parteċipazzjoni f′ attivita′ kriminali;

c) akkwistaw proprjeta′ meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li l-istess proprjeta′ kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita′ kriminali jew minn att jew atti ta′ parteċipazzjoni f′ attivita′ kriminali;

d) irritenew mingħajr skuża raġonevoli proprjeta′ meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li l-istess proprjeta′ kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita′ kriminali jew minn att jew atti ta′ parteċipazzjoni f′ attivita′ kriminali;

e) ittantaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

f) aġixxew bhala kompliċi fit-tifsir ta′ l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta′ Malta;

2. Ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw għaqda ta′ żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reat kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta′ priġunerija għal żmien erba′ snin jew iktar;

3. Appartjenew għall-għaqda msemmija fis-subartiklu (1) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta;

PAUL SPAGNOL WAĦDU ġie akkużat ukoll talli bejn is-6.30 ta′ filgħaxija nhar il-21 ta′ Ġunju, 2010 u l-10.30 ta′ bil-lejl, nhar it-23 ta′ Ġunju, 2010 minn ġewwa l-fond Lancaster House fi Triq Castelletti, Sliema, flimkien ma Joseph Camilleri u/jew ma persuna/i oħra mhux magħrufa:

4. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, l-iktar ġojjellerija, kif ukoll flus kontanti w oġġetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37), bil-lok u bil-ħin, u li sar għad-detriment tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament, ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u ċioe' il-bieb ta' barra ta' l-istess fond u/jew xi aperturi oħra interni, kif ukoll xi għamara, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1164.69), imma iżjed minn mija u sittax il-Euro u sebgħa w erbgħin ċentezmu (E116.47) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ħsara saret għad-dannu tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra;

PAUL SPAGNOL WAĦDU ġie akkużat ukoll talli f' dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' Gunju, 2010, u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data:

6. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni, f' Malta jew barra minn Malta, bil-għan li jagħmel delitt f' Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma hux delitt taħt l-att dwar l-Istampa;

7. Talli f' dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, u cioe' kwantita' ta' ġojjellerija, li tiswa iktar minn elfejn, tlett mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgha u tletin ċentezmu (€2329.37);

8. talli kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ġie impost fuq l-imputat permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) nhar l-10 ta' Marzu, 2010;

9. Ukoll, talli f' dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati ta' Malta wara li, f'iktar minn okkażżjoni waħda, huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat/i ta' natura volontarja;

10. Fl-aħħarnett, akkużat ukoll talli rrenda ruhu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex, f' kaz ta' ħtija, tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu, jagħtu b' rahan, jew xort' ohra jiddisponu minn xi proprjeta` mobbli jew immobli, ai termini ta' l-Artikolu 5(1)(b) ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll hekk kif applikat ai termini ta' l-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex tinnomina espert sabiex jagħmel inventarju tal-proprjeta' kollha, skond kif deskritta fl-Artikolu 2 tal- Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, tal-Liġijiet ta' Malta, li tappartjeni liz-żewġ imputati odjerni.

Oltre minn hekk, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex, f' kaz ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' April, 2017 fejn il-Qorti fil-konfront tal-imputata Omissis ma sabitiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u minnhom illiberatha.

Fil-konfront tal-imputat Paul Spagnol, sabet lill-imputat hati biss tal-akkuza numru sebgha (7) migjuba fil-konfront tieghu dwar ricettazzjoni u billi kienet tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi

ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdet lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma suggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija u annessi ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f' kaz li jonqos milli jikkonferma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f' kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b' din is-sentenza.

Ai termini ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b' Digrieti ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal/i tal-probation biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Paul Spagnol.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 qieghdet lil Paul Spagnol taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi ghall-erba' mija u tmenin (480) siegha f' dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Din l-ordni saret wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x' inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Il-Qorti ordnat notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u irrakomandat li Paul Spagnol ikun assenjat xoghol mal-Fondazzjoni Rise taht id-direzzjoni ta' Fr Franco Fenech.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi :

a. tikkonfermaha :
   i. fejn ma sabitx lill-imputata Omissis ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;
   ii. fejn ma sabitx lill-imputat Paul Spagnol ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6) u disgħa (9) miġjuba kontra tiegħu;
   iii. fejn sabet lill-imputat Paul Spagnol ħati tas-sebgħa (7) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu;

b. tirrevokaha u tħassarha fil-kumplament tad-decide tagħha, inkluż dik il-parti fejn ordnat li l-imputat Spagnol jitqiegħed taħt ordni ta' probation għall-perjodu ta' tliet snin u fejn ordnat li l-imputat Spagnol jitqiegħed taħt ordni ta' servizz fil-komunita;

c. minflok għar-raġunijiet fuq premessi :

   i. issib lill-Paul Spagnol ħati ukoll tat-tmien (8) u l-għaxar (10) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;
   ii. tinfliġġi l-piena idoneja kontra l-imputat appellat skond il-liġi u
   iii. tikkundannah għall-ħlas lir-Reġistratur tal-ispejjeż kollha li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti f' dawn il-proċeduri.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponent irċeva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illiberat lill-imputat Paul Spagnol mill-imputazzjonijiet numru tmienja (8) u għaxra (10) miġjuba kontrih u ma kkundannatux għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

a. Il-ksur tal-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi permezz tal-imputazzjoni numru tmienja (8), l-imputat qua appellat Paul Spagnol ġie akkużat talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ġie mpost fuqu permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Marzu 2010. Illi għalkemm fis-sentenza appellata l-Qorti rriteniet fil-konsiderazzjonijiet tagħha li :- *".. fid-deċiżjoni tagħha qieset li l-imputat .... kiser ordni tal-Qorti moghtija permezz tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta."*[1] , madanakollu fil-parti tad-decide hija naqset milli ssib ħtija fuq it-tmien (8) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u ma proċedietx fil-konfront tiegħu għal dan il-ksur.

Meta wieħed iqis li l-appellat Paul Spagnol instab ħati tal-imputazzjoni numru sebgħa (7), jiġifieri talli fit-23 ta' Ġunju 2010 u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq jew akkwistati b' reat u cioe' kwantita ta' ġojjellerija li tiswa aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu, wieħed jara li l-imputat kellu jinsab ħati ukoll tat-tmien (8) imputazzjoni. Illi dan qiegħed jingħad stante li mis-sentenza eżebita a fol 220 tal-atti proċesswali jirriżulta li nhar l-10 ta' Marzu 2010 Paul Spagnol kien ġie misjub ħati talli kkommetta ħsara volontarja bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u talli kkaġuna feriti ta' natura ħafifa bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kien ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat ieħor sa żmien tmintax (18)-il xahar mid-data tas-sentenza. Illi għaldaqstant jirriżulta ampjament ippruvat li l-appellat ikkometta reat ieħor ftit żmien biss wara li ngħatat is-sentenza suriferita u allura entro l-perjodu operattiv tal-istess sentenza u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati kellha ssibu ħati ta' din l-imputazzjoni u titratta miegħu għal dan il-ksur.

Illi għandu jiġi rilevat ukoll għal kull buon fini li ġjaladarba l-Qorti tiġi sabiex titratta mal-appellat għall-ksur tal-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif hawn fuq espost, il-Qorti ma tistgħax tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja u dan għaliex din is-sanzjoni hija espressament prekluża mill-liġi. Illi l-Artikolu 23(2) tal-Kap 446 jipprovdi f' dan ir-rigward li :-

---

[1] Vide fol 33 u 34 tas-sentenza

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3),* ***meta persuna tiġi ttrattata ghar-reat li dwaru*** *tkun tqegħdet taħt probation b' ordni ta' servizz fil-komunità, jew b' ordni ta' probation u servizz* ***jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata****, jew* ***il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)****."*

Illi għaldaqstant il-piena mposta fuq l-appellat għandha tassativament tkun waħda ta' priġunerija. Illi dan il-punt ġie trattat fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Kevin Chircop**[2] fejn il-Qorti kienet laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u rritieniet li :-

*"Din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-appell tiegħu. L-artikolu 23(2) tal-Kap. 446 jipprovdi li meta persuna tkun tqiegħdet taht probation jew ġiet kondizzjonalment liberata ma tkunx tista' titqieghed taħt sanzjoni komunitarja. Dan l-artikolu huwa car u ma jagħtix lok ghal interpretazzjoni. L-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellat Kevin Chircop ghal servizz komunitarju u terminu ta' prigunerija effettiva kellha tkun tassattiva."*

Illi għaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent in vista ta' dak kollu suespost, l-Qorti tal-Maġistrati kellha ssib lill-imputat appellat ħati ukoll tat-tmien (8) imputazzjoni u timponi fil-konfront tiegħu piena komplessiva ta' priġunerija skond il-liġi.

b. Ir-reċediva

Illi permezz tal-imputazzjoni numru 10, l-imputat qua appellat Paul Spagnol ġie akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. Illi għal darba oħra għalkemm fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati tirritjeni fil-konsiderazzjonijiet tagħha li :- *".. fid-decizjoni tagħha qieset li l-imputat ....*

---

[2] 6 ta' Dicembru 2012

*huwa reċediv"*[3] , madanakollu fil-parti tad-decide hija naqset milli ssib ħtija fuq l-għaxar (10) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat. Illi din l-imputazzjoni ġiet ampjament pruvata kemm permezz tal-fedina penali ferm refrattarja tal-imputat eżebita a fol 15 sa 52 tal-atti proċesswali kif ukoll permezz ta' numru ta' sentenzi eżebiti a fol 206 et seq tal-atti proċesswali.

c. Artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi t-tielet aggravju tal-esponent jirrigwarda l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza tagħha ma kkundannatx lill-persuna misjuba ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jirrileva li l-Qorti kienet ġiet mitluba sabiex f' kaz ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533. Illi minn ezami tas-sentenza suriferita mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati, jirriżulta li ghalkemm il-Qorti tal-Maġistrati kellha din it-talba quddiemha u minkejja li l-esponent għal kull buon fini ndika ukoll dan l-Artikolu fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju eżebita a fol 663 tal-atti proċesswali, l-istess Qorti naqset li tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-istess Artikolu.

Illi l-Artikolu 533 jistipula li *"il-Qorti **għandha** meta tagħti s-sentenza jew f' kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew ħatjin … għall-ħlas lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri … f' dak iż-żmien u f' dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni"*

Illi għaldaqstant l-esponent jirrileva li din l-Onorabbli Qorti kellha tikkundanna lill-ħati Paul Spagnol għall-ħlas lir-Reġistratur tal-ispejjeż kollha li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew tal-periti f' dawn il-proċeduri.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

[3] Vide fol 33 u 34 tas-sentenza

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, dan il-kaz beda jigi investigat in segwitu ta' rapport ta' serqa fit- 23 ta' Gunju tas-sena 2010 fejn sussegwentent fil-pussess tal-imputati kienu instabu kwantita' ta' gojjellerija. Joseph Camilleri kien ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa. Irrizulta li kienet inharget ordni ta' investigazzjoni fil-konfront tal-imputati u fejn irrizulta li fit- 2 ta' Lulju, 2010 l-imputat dahlu f'MSV Single Premium Plan fejn kienu halsu l-ammont ta' erbatax-il elf, hames mija u erbgha u tletin ewro (€14,534) bhala premium, irrizulta ukoll li fid-9 ta' Lulju, 2010 kienu gew depozitati xi flejjes *cash* fil-kontijiet bankarji tal-imputati. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati.

Illi l-Ewwel Qorti fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata iddeciediet li:

'*Ghaldaqstant, fil-konfront tal-imputat omisses*[4] *ma ssibiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u minnhom tilliberaha.*

*Fil-konfront tal-imputat Paul Spagnol, issib lill-imputat hati* *<u>biss</u>* *tal-akkuza numru sebgha (7) migjuba fil-konfront tieghu dwar ricetazzjoni u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerajra ma hijiex il-piena idonea u billi jissussitu l-elementi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma suggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma' din is-sentenza.*

*Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fisret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonferma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu*

[4] Isem imholli barra mill-Qorti

*tal-ordni tal-probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza.*

*Ai termini ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni tal-probation moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal/i tal-probation biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Paul Spagnol.*

*Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqieghed lil Paul Spganol taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' billi jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi għall-erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.*

*Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.*

*Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u tirrakomanda li Paul Spagnol ikun assenjat xoghol mal-Fondazzjoni Rise taht id-direzzjoni ta' Fr Franco Fenech.'*

Aktar kmieni fl-istess sentenza, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li '*fid-decizjoni taghha qieset li l-imputat diga' ghamel kwazi ghaxar xhur taht arrest preventiv dwar dan il-kaz, li huwa ricediv u li kiser ordni tal-Qorti moghtija permezz tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Minkejja din il-kunsiderazzjoni, l-Ewwel Qorti fil-parti dispositțiva iddikjarat li kienet qieghda ssib lill-appellat Paul Spagnol hati biss tal-akkuza numru 7 dwar ricettazzjoni izda ma iddikjaratux mhux hati tal-imputazzjonijiet numru 8 u 10.

In oltre' b'zieda ma dan jirrizulta ukoll li minkejja li fil-parti dispositțiva l-Qorti ddikjarat li kienet qieghda ssib htija biss tal-akkuza numru 7, naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi li jikkontempla dan ir-reat.

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.'* (Emfazi mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'**[5] gie kkunsidrat li:

*'Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'**[6] gie kkunsidrat li:

*'osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkunsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 85/2009)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell Kriminali numru: 336/2005)

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Reuben Alessandro ABELA'**[7] gie kkunsidrat li:

*'7. Issa huwa bil-wisq evidenti li l-Qorti tal-Maġistrati kellha f'moħħha dawk l-artikoli li jinsabu fil-Kodiċi Kriminali, iżda minħabba lapsus dik il-Qorti jidher li omettiet milli ssemmi li dawn kienu l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali. Ir-rekwiżit tat-tismija tal- artikolu* ***ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat,*** *skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, jrid jiġi osservat. Illum huwa ius receptum li tali nuqqas t'adeżjoni mar- rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem ex officio.*

*8. B'hekk din il-Qorti qegħda tiddeċiedi li s-sentenza tal-Qorti tal- Maġistrati għandha difett li jammonta għal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement din il-Qorti qegħda tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati su riferita u tgħaddi biex tiddeċiedi hi l-kawża mill- ġdid fuq il-meritu.'*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. John Sultana'**[8] fejn gie kkunsidrat li:

*'L-Artikolu 382 tal- Kodici Kriminali jghid li s-sentenza moghtija kontra l-imputat ghandu jkollha fiha cioe` issemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat li tieghu dak li jkun ikun qed jinstab hati. S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r- reat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal- Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl- imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali...'*

Din il-Qorti ghalhekk tqis li mhux biss is-sentenza appellata hija kontradittorja f'dak dikjarat fil-kunsiderazzjonijiet meta mqabbel ma' dak dikjarat fid-*decide* izda anke

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Jannar, 2020 (Appell numru 236 tal-2017)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2001 (Appell Numru 14/2001)

tqis li n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li kienet qieghda ssib htija bhala bla dubju ta' xejn nuqqas fil-formalita' sostanzjali tas-sentenza u ghalhekk dawn in-nuqqasijiet iwasslu ghan-nullita' tas-sentenza. In-nullita' tas-sentenza hija limitata ghal dak li jirrigwarda l-appellat Paul Spagnol izda mhux Maria-Carmela Fenech li giet liberata mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Din il-Qorti temfasizza li l-Qrati ghadhom jaderixxu ruhhom skrupolozament mad-dispost tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nuqqas li jsir dan qieghed iwassal ghal dewmien inutli tant li qeghdin jigu annullati numru ta' sentenzi bil-konsegwenza li numru ta' kawzi qieghdin jintbaghtu lura lil Qorti tal-Magistrati biex terga tinghata s-sentenza filwaqt li f'xi waqtiet il-Qorti tal-Appell Kriminali qieghda wara li tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid kif sejra taghmel din il-Qorti minflokk taqdi l-irwol taghha ta' Qorti ta' revizjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda *ex officio* tannulla s-sentenza appellata moghtija fil-konfront tal-appellat Paul Spagnol u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tiddeciedi mill-gdid il-kaz fil-mertu.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda reati ta' *money laundering*. Dwar dan fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ian J Abdilla) vs Ruth Gatt'**[9] gie kkunsidrat li:

'*Illi r-reat ta' money laundering huwa deskritt bhala*

*the process by which the proceeds of crime are converted into assets which appear to have legitimate origins, so that they can be retained permanently or recycled into further criminal enterprises*[10].

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Marzu, 2015 (Numru: 826/2009)

[10] The explanatory notes to The Proceeds of Crime Act 2002 kwotati f'Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2012 pagna 2475. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) tas-sentenza citata.)

*Illi The Law Society Anti-money Laundering Practice Notes*[11] *jiddeskrivu dan ir-reat hekk:*

*Money laundering is generally defined as the process by which the proceeds of crime, and the true ownership of those proceeds, are changed so that the proceeds appear to come from a legitimate source. Under POCA the definition is broader and more subtle. Money laundering can arise from small profits and savings from relatively minor crimes, such as regulatory breaches, minor tax evasions or benefit fraud. A deliberate attempt to obscure the ownership of illegitimate funds is not necessary.*

*There are three acknowledged phases to money laundering placement, layering and integration. However, the broader definition of money laundering offences in POCA includes even passive possession of criminal property as money laundering.*

*Illi dawn it-tlett fazijiet saret referenza ghalihom ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali:*

*... ... diversi awturi jaqsmu l-process tal-hasil ta' flus fit-tlett stadji imsejha "placement", "layering" u "integration". ... ... Pero` mill- bidunett ta' min jippreciza, li dawn l-istadji huma biss deskrizzjoni generali tal-process tal-hasil tal-flus. Hija skola ta' taghlim li nholqot sabiex gurija tkun f'posizzjoni aktar felici sabiex tifhem l-intricci u l- kumplikazzjonijiet li jinvolvu dawn it-tip ta' reati. Ghalhekk il-qasma tal-process tal-hasil ta' flus f'dawn it-tlett stadji hija wahda generali u bl-ebda mod dogmatika. Fil-fatt awturi ohrajn jikkritikaw din il-klassifikazzjoni minhabba li tissemplifika wisq is-sitwazzjoni u f'hafna kazijiet ma hiex riflessjoni veritjiera ta' dak li realment ikun qed jigri. Ghalhekk dawn l-istadji ghandhom jittiehdu biss bhala punto di partenza u bhala deskrizzjoni generali tal-process tal-"money laundering" b'mod flessibbli tant li ma hux rikjest li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-intenzjoni f'kull wiehed u wahda minn dawn l-istadji. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta'd-definizzjoni ta' "money laundering" li nsibu fit-tieni artikolu tal-Kap. 373 kif ukoll irreati kkontemplati fl- artikolu 327, 328 u 329 tal-Att tal- Parlament Ingliz "Proceeds of Crime Act 2002" fejn analizi taghhom ma tirrikjediex li l-prosekuzzjoni tipprova li limputat kellu l-intenzjoni li jikkommetti "placement", "layering" u "intergration" bil-propjeta`.*[12] *"*

[11] Ukoll kwotati minn Archbold op cit. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hdax (11) tas-sentenza citata)

[12] Ref Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateos deciza 19 ta' Jannar 2012. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnax (12) tas-sentenza citata)

*Illi f'din l-istess sentenza l-Qorti ta' Appell Kriminali ghamlet analazi approfondita (b'referenza ghal gurisprudenza u awturi) ta' x'prova ghandha tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova imputazzjoni dwar money laundering u f'liema cirkostanzi ghandu jkun hemm l-inverzjoni ta' prova imsemmija f'l- artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir- reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s- sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l- ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi m'hijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs John Vella" "din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l- inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem."*

*Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l- Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" minghajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l- Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l- attivita kriminali li tkun generat dawk il-flus.*

*Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Il-Pulizija vs Paul Borg" deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il- kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money laundering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l- Avukat Generali ghandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta. Minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan- 1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-*

*ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit- tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l- akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir- rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat."*

*F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal- Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il- Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal- Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l- piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l- Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l- prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li ma kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l- prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali[13].*

*Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jigi kwalifikat il-prova "prima facie" u fiex din tikkonsisti. .... ....*

*Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c- certezza. Izda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.*

*L-awtur Blackstone (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra, "Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima*

[13] Sottolinear ta' din il-Qorti. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) tas-sentenza citata)

*facie case or a case to answer." Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Ghalhekk skond dan l-awtur "prima facie" huwa anqas minn hekk u jista' jigi definit bhala "a case to answer", haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.*

*Illi dwar l-oneru impost fuq il-prosekuzzjoni ghandu jigi rilevat ukoll li wara l- emendi fil-Kapitolu 373 permezz ta'l-Att XXXI tas-sena 2007 anke is-suspett li l-propjeta jew flus konvertieti ghandhom provenjenza illecieta huwa sufficjenti biex jissussisti r-reat ta' money laundering. Dan ifisser li llum (u fil- kaz in ezami) biex jigi sodisfatt l-element tax-xjenza huwa sufficjenti li l- prosekuzzjoni turi li l-persuna imputata kellha suspett li l-flus (jew propjeta) kienu gejjin minn attivita kriminali.*

*Illi dan stabbilit il-mistoqsija li trid tigi rizolta fil-kaz in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata u cioe fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-kaz, (provi biex jippuvaw in-ness bejn il-flus ta' Nigel Abela depozitati fil-kont ta' l-imputata u xi attivita kriminali) intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer" biex mbaghad l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputata biex tipprova l-origini legittima ta' dawn il-flus.*

*Illi in atti ma gewx esebieti xi sentenzi permezz ta' liema Nigel Abela nstab hati ta' xi reat jew reati; dan mhux necessarju. Il-prosekuzzjoni pero qed tallega li l-flus li Abela ghadda lill-imputata biex hija tiddepozitahom fil- kontijiet taghha (l-ewwel fil-kont kongunt mbaghad fil-kont f'isimha wahedha) kienu r-rikavat ta' attivita kriminali u b'mod partikolari t-tehied ta' flus da parti ta' Abela minghand tax registered persons li suppost gew imhallas lill-Kummissarju tal-VAT imma li zammhom Abela u ddepozitahom fil-kontijiet de quo.*

*Illi diversi persuni xehdu u qalu li, wara negozjati mieghu, hallsu lil Nigel Abela ammonti, li kienu dovuta bhala VAT*[14]*, permezz ta' cekkijiet li spiccaw depozitati fil-kont ta' l-imputata. Aktar minn hekk jirrizulta li m'hemm l-ebda record ta' xi pagamenti ekwivalenti fil-history tal-persuni koncernati mad- Dipartiment.*

*Illi dan jikkostitwixxi prova sufficjenti li Nigel Abela kien involut f'attivita li permezz taghha kien qed jzomm ghalih flus dovuta lill-Kummissarju tal-VAT. Din l-attivita hija indubbjament illecieta. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li l-flus depozitati fil-kontijiet ta' l-imputata kienu r-rikavat dirett ta' din l-attivita kriminali.*

[14] Jew taxxa pura, jew imghaxx u penalitajiet. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) tas-sentenza citata)

*Illi konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova mhux prima facie, u lanqas fuq bilanc ta' probabilita, imma 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li Abela kien involut f'attivita kriminali u li l-flus depozitati fil-kont ta' l-imputata kienu rikavat minn din l-attivita.*'

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Ass. Kumm Ian J. Abdilla) vs Ruth Gatt'**[15] kienet ikkonfermat il-htija misjuba mill-Ewwel Qorti izda rrevokat u varjat parti mill-piena imposta**.**

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Antonovich Muscat Vs Omissis, Sharon Camilleri'**[16] gie kkunsidrat:

'*Issa huwa minnu illi kif inghad mill-Ewwel Qorti, l-mezzi ta' l-ghejxien ta' Sharon Camilleri ma jikkorisspondux ma'l-istil ta' hajja taghha b'ammont konsiderevoli ta' flejjes u gojelli fil-pussess taghha meta ghandha zewgt itfal, mhijiex mizzewwga u tghix bl-assistenza socjali, izda dak li kien jenhtigielha tipprova qabel xejn il-Prosekuzzjoni kien illi tezisti xi attivita' kriminali sottostanti u li allura kien hemm in-ness bejn il-flejjes li instabu fil-pussess ta'l-appellata u din l-attivita'. Ma hemmx l-icken prova in atti li tindika illi Cutajar kien involut f'xi attivita' kriminali ghajr ghax-xhieda skarna tal- ispettur Keith Arnaud li ighid li kien investiga lil Cutajar fuq omicidju. Dan l-involviment ta' Cutajar f'allegat serq u hold-ups huma kollha tajjar fl-ajru billi ma hemmx indikazzjoni wahda ta' x'hold ups kienu jew x'serq seta' kien, jew jekk forsi xi gojelli li instabu fis-safety deposit box kenux provenjenti minn dan l-allegat serq biex b'hekk jigi stabbilit xi attivita' kriminali u kwindi xi ness ma'l-appellata. Lanqas il-fedina penali ta' Cutajar ma hija wahda allarmanti u kwindi l-Prosekuzzjoni ma tistax tghid li irnexxielha tipprova anke sal-grad tal-prima facie illi kienet ghaddejja xi attivita' kriminali da parti ta' dan Cutajar.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa') Vs Carlos Frias Mateo**'[17] gie kkunsidrat li:

'*Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l- Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Il-Pulizija vs Paul Borg" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money launering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l- Avukat Generali ghandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita*

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru, 2019 (Appell Numru: 154/2015)
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar, 2017 (Appell numru: 390/2016)
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Jannar, 2012 (Appell Kriminali Numru: 356/2011)

*kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta "minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l- prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-onoru tal-prova fuq l-akkuzat."*

*F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il- Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal- Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l- Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l- prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l- prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal- persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal- flus ma kienx illegali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police [Superintendent Paul Vassallo] vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin'**[18] gie kkunsidrat li:

*'That it is to be emphasised that the charge of money laundering brought against defendant is based on Chapter 373 of the laws of Malta and not Chapter 101. In the latter case the prosecution must necessarily show a link between the assets being laundered and some criminal activity prohibited under Chapter 101. In the former case (i.e. an offence under Chapter 373) what the prosecution must show is a link between the laundered assets and an*

[18] Deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Novembru, 2009 (Numru: 197/2008)

*offence listed in either the first or second schedule of the said Chapter 373 which however also include traffic in narcotic drugs and psychotropic substances.*

*That it must also be emphasised that what must be shown for the prosecution to satisfy its onus is a link between some criminal activity and the assets in question. This has been affirmed by the Court of Criminal Appeal in the case Republic of Malta vs John Vella*[19] *when it said:*

*....l-Avukat Generali jista' akkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghjar ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jigi allegat li huwa l-attivita kriminali sottostanti.... Certament pero ikun x'jkun il-kaz, jekk l-Avukat Generali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laundering ... irid jindika n-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega.'*

Din is-sentenza u cioe' **'The Police [Superintendent Paul Vassallo] vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin'** giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali[20].

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police Vs Atinuke Nne Ugoji'**[21] gie meqjus li:

*'With the amendments coming into force in 2010, not only was the prosecution relieved of the burden to prove that there had been a conviction with regard to the underlying criminal activity, but it was no longer necessary either to prove which particular criminal activity was at the source of the laundered money, which latter amendment however does not affect the present proceedings, the offence having allegedly been committed in October 2009. These amendments, in the opinion of this Court, had far reaching effects, since the burden of proof needed to obtain a conviction for the offence of money laundering is now less tough on the prosecution, shifting the ball into the accused's court who is in a more difficult position to prove his/her innocence, necessarily having to give plausible justifications with regard to his/her degree of knowledge or suspicion about the underlying criminal activity linked to the offence with which he/she is being charged.*

[19] Decided on the 29.11.1999 and quoted in Police vs Paul Borg (Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction 06.10.2003. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

[20] Deciza fis-16 ta' Lulju, 2010 (Appell numru 447/2009) fl-ismijiet 'The Police (Supt. Paul Vassallo) Vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin'

[21] Deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2016 (Appell numru: 250/2015)

*This is being said since the <u>Prosecution need only prove a mere suspicion on the part of accused regarding the source of the money</u>, the degree of suspicion, as opposed to the certainty brought about by proof of full knowledge, being merely subjective and personal. In the past the courts have extended the definition of knowledge beyond actual knowledge and included situations where the facts would be clear to an honest and reasonable person. It would also include turning a blind eye. Suspicion, on the contrary, is essentially a subjective issue and so is less than knowledge. The Court of Appeal in England had this to say on the matter: (Regina vs Hilda Gondwe Da Silva):*

*"The word suspect means that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice."*

*The Court added that: "using words such as "inkling" or "fleeting thought" in directing a jury is liable to mislead". In particular they considered that a person who temporarily held a suspicion but honestly dismissed it from their mind upon further consideration should not be liable to be convicted.*

*Unfortunately our law does not give a definition of what amounts to "suspicion" and consequently if the prosecution manages to prove such suspicion of the illegal source of the money, then their job is done. It is incumbent on the accused to bring forward evidence to rebut the alleged "suspicion", as being fanciful or a mere possibility. It is then up to the judge or jury to evaluate both sides of the coin in order to establish whether that suspicion is such as can lead to a conviction.'* (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk jirrizulta li permezz tal-Att VII tal-2010 kien hemm tibdil u cioe' tnaqqis fil-livell ta' prova li l-prosekuzzjoni kellha tressaq f'kazijiet ta' allegati money laundering. L-artikolu 2(a) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' moneylaundering taħt dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenzata' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti, liema attività kriminali tista' tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra, mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminalisottostanti u* <u>***mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti***</u>.'

Il-parti sottolineata giet mizjuda permezz tal-Att Numru VII tal-2010 u ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma ghandhiex il-htiega li tipprova x'inhu il-*predicate offence*. Huwa bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova li ma hemmx raguni sodisfacenti ghall-origini tal-flus, fis-sens li l-ammonti ta' flus jew transazzjonijiet ma jirriflettux l-istil ta' hajja tal-akkuzat. L-oneru tal-prova umbghad ikun fuq l-akkuzat sabiex iressaq prova dwar il-provenjenza legittima tal-flus.

Fil-kaz odjern wara serqa rapportata fit-23 ta' Gunju, 2010, il-Pulizija sabet numru ta' gojjelerija ghand l-appellat Paul Spagnol. Irrizulta ukoll li l-appellat Paul Spagnol flimkien ma' Maria Carmela Fenech kienu dahlu f'MSV Single Premium Plan fit- 2 ta' Lulju, 2010 fejn l-ewwel *premium* kien ta' erbatax-il elf, hames mija u erbgha u tletin ewro (€14,534) skont dak li jirrizulta a fol 128 et sequitur. Dan gie kkonfermat minn **Dr Enrico Depasquale** fis-seduta tal- 11 ta' Awissu, 2011 fejn mir-ricerka li ghamel irrizulta li Paul Spagnol u Maria Carmela Fenech kellhom polza ta' assigurazzjoni wahda u cioe' *single premium 'jigifieri thallas premium darba, mhux kull mhux kull sena. U l-premium kien ta' erbatax-il elf hames mija erba' u tletin Ewro (€14,534).'* Din saret fit-2 ta' Lulju, 2010 ghal ghoxrin sena. Liema hlas sar ghand l-intermedjarju Rocs. Din is-somma thallset cash. Fl-applikazzjoni ghal din il-polza a fol 129 hemm imnizzel li x-xoghol ta' Paul Spagnol huwa '*Commission Agent*' u Maria Carmela Fenech hija '*Housewife*'. Simon Vella direttur ta' Rocs Company Limited li fil- 11 ta' Awissu, 2011 xehed li l-investiment sar minn Paul Spagnol u Maria Carmela Fenech ghall-ammont ta' erbatax-il elf, hames mija u erba' u tletin ewro (€14,534), dawn il-flus thallsu cash. **Lisa Busuttil** li tahdem ir-Rocs Insurance fis-seduta tal- 14 ta' Dicembru, 2011 ikkonfermat li l-hlas[22] ircevietu cash u li kien iffirma d-direttur Simon Vella.

Xehed ukoll **rapprezentant tal-Bank of Valletta Romauld Attard** fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) li pprezenta statements bankarji ta' Maria Carmela Fenech fejn jirrrizulta li fid-9 ta' Lulju, 2010 kien sar depozitu ta' sitt'elef ewro (€6,000) kif ukoll is-somma ta' hames mija, sebgha u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€577.98.) Dan jirrizulta ukoll a fol 142. Jirrizulta ukoll li fl-istess jum kien hemm depozitu fil-kont tal-bank ta' Paul Spagnol fl-ammont ta' elfejn ewro (€2000) u depozitu iehor ta' tnejn u hamsin ewro u disgha u tletin centezmu (€52.39)

[22] Skont din ix-xhud il-hlas kien ta' erbatax-il elf, hames mija u hamsa u tletin ewro (€14,535)

skont dak li jirrizulta a fol 153. L-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) u sitt'elef (€6,000) gew depozitati cash skont dak li jirrizulta a fol 155 u mmarkata bhala RA5. Dan id-dokument u cioe' RA5 gie kkonfermat minn **Shirley Mifsud** fis-seduta tat- 12 ta' Gunju, 2012[23]. Jirizulta ukoll skont dak li xehdet Jennifer Debono li tahdem l-ETC fit-30 ta' Gunju, 2011 Paul Spagnol qatt ma hadem skont jirrizulta l-*employment history* a fol 107 u mmarkat bhala ETC 2 filwaqt li ommisses skont id-dokument immarkat bhala ETC 1 a fol 105 waqfet tahdem fl- 4 ta' Dicembru, 2004.

Qabel ma din il-Qorti taghmel referenza ghal partijiet ta' uhud mill-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat, din il-Qorti taghmilha cara li qieghda tqishom ammissibbli stante li ma jirrizultax li l-appellat ikkontesta l-istqarrijiet rilaxxati minnu nonostante l-fatt li dawn gew rilaxxati fiz-zmien meta ma kellux il-jedd li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid ta' dawn l-istqarrijiet.

Fl-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat **Paul Spagnol** fid- 29 ta' Lulju 2010 a fol 318 et sequitur u mmarkata bhaa Dok XJM 2 mistoqsi jekk qed jahdem x'imkien wiegeb li '*Le. Kultant indawwar lira b'xi bicca xoghol 'l hemm u 'l hawn. Daqa nbiegh xi karozza, daqqa nagmilha ta sensar u nikri xi flat u gieli mmur ghal gebel ma wiehed meta jcempilli.*' Fl-istqarrija datata s- 16 ta' Gunju, 2011 immarkata bhala Dok XJM5 a fol 232 et sequitur liema stqarrija mhijiex iffirmata mill-imputat, mistoqsi '*Investigajna, instab ammont ta' deheb misruq ghandek li ma tghajtniex spjegazzjoni tieghu meta nstab, imma biss wara, u cioe' wara li int u Joseph Camilleri, Ix-Xitan, kelkom zmien tiddiskutu w tiddeciedu kif wiehed kien ser ihokk dhar l-iehor, u sibna woll moviment ta' madwar tnejn u ghoxrin elf Euro fi flus fi zmien hmistax, jew ftit iktar, wara din is-serqa. U illum qed hawnhekk biex proprju naraw x'ragunijiet ser ittina dwar dan il-moviment ta' flus. S'issa dak li irrizulta, cari.*' Wiegeb '*Ghada imorru fuq ix-xogholijiet. Imorru ghand tal-hadid ta' Haz-Zabbar, ta' Hompesch, ta' fejn Bulebel ghax lil dak naghtih il-hadid scrap. Dak ilni xi 28 sena immur ghandu. Kien ghad kelli 18-il sena meta bdejt immur. Kont immur ghand dak tat-telgha l-antika ta' Hal-luqa li jaghmlu is-sapun ukoll. Qabel kont immur ghad id-Disma ta' Hal-Luqa, kont inbieghlu hadid u aluminium. Kont immur ukoll ghand dak li hemm fin-nizla faccata tal-Union Press, kont inbieghlu aluminium, batteries u ram. Dawk kont immur ma*

[23] Fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal 'dokument RA5 a folio 150'. Dan filfatt jinsab a fol 155 mhux 150.

*missier il-mara ghandhom, imbghad armajt ghal rasi. Xorok u cangaturi ma nafx lil min ma bghetx. Ilu kont immur il-fabbrika ta' l-aluminium ta' l-Gharab ta' Hal Far u hemm fabbrika ohra li qieghda fejn fetah il-Golden Harvest fl-Industrial Estate ta' San Gwann minn fejn kont nixtri l-aluminium u kont nerga inbieghu lil ta' l-iscrap. U dan ix-xoghol ghadni naghmlu s'issa. Waqaft issa ghax dhalt il-habs xahar ilu. Gieli f'gurnata ghamilt tmien mitt Euro. Naqra hekk u naqra hekk, ghax bhalissa naqra gholi. Il-hadid niftakar nahdmu bi tmien liri t-tunnellata.*' Mistoqsi '*Ara, nhar it-2 ta' Lulju, 2010 int u t-tfajla mortu ghand ir-Rocs Group tal-Furjana u hemmhekk ghamiltu life insurance policy konguntа u hallstu cash l-ammont ta' €14,534. Dawn il-flus minn fejn gew f'daqqa wahda*?' wiegeb '*Dawk li kelli imgemghin u tfajthom hemmhekk u li kont hadt mill-BOV. Dawk tat-tfal, children allowance u hekk.*' Mistoqsi '*Imma il-polza fuqek u fuq it-tfajla qieghda mhux fuq it-tfal, naqblu?*' wiegeb '*Dak qed naghmlu tajjeb ghat tfal, cioe ghal Niro u Rihanna, li ghad ghandhom 7 snin u 5 snin, ghadhom ser jghalquhom.*' Dwar il-flus depozitati fil-kont tat-tfajla fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) wiegeb li '*Jien kelli sekwestru ma stajtx naghmilhom fuq ismi ghax kelli sekwestru....qed niftakar li dik il-habta is-sekwestru kien kancellat.*' Jghid li l-flus tahomla mill-flus li kellu. Dwar l-elfejn ewro depozitati fl-istess data u cioe' fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) qal li ried elfejn ewro (2000) fuqu u lil mara ghamilhomla f'isimha ghal hajja ta' kulljum. Mistoqsi x'gara madwar sena ilu biex kellu dan id-dhul kollu, wiegeb '*Dak kont dejjem infaddal, sibt il-bieb tad-dar immarkat, ipprova jidholli xi hadd u nehhejt kollox mid-dar.*' Dwar id-deheb misjub id-dar qal li prova jiehu kaxxa il-BOV ta' San Giljan pero ried jistenna wara xeba nies, kien saqsa ghal safe deposit box mal-bank izda ma applikax. Dwar li jikri flattijiet qal li '*Jien ili zmien zemzem. ma naghmilx eluf ghaliex ? Jien ghadni kif xrajt ziemel hames mija Euro u bghetu tlett telef Euro m'ilux.*' Spjega li '*Fuq negozju kbir qatt ma kont. Imma karozzi bghet hafna. Kelli Punto bghettha ghand dealer Hal Qormi u qlajt elf u hames mitt Euro minn fuqha. Kelli speedboat xtrajtha cucata u kont qlajt xi tlett telef Euro minnha.*' Stqar li huwa kien fuq ir-relief izda waqaf jirregistra xi xahrejn jew xahrejn u nofs ghax qatghuh, qalulu li tajjeb ghax-xoghol. Stqar ukoll li '*Id-deheb Joey lili tajuli wara li kont iddepozitajt il-flus u niftakar li kont gibt xi haga mill-bank.*' Lil '*Joey Ix-Xitan*' kien tah '*Xi elfejn Euro, ma nafx ezatt. Fuq l-istatement ta' qabel hemm ezatt kemm kont tghajtu.*'

**Emanuel Camilleri** fis-seduta tat- 3 ta' Novembru, 2011 jghid li jahdem bhala weigher Hompesch Steel u ikkonferma li jaf lil imputat minn wiccu kien jigi darba f'xahar, darba f'xahrejn, jaf f'xahrejn jigi darbtejn. Fl-istqarrija rilaxxata fis- 17 ta' Gunju 2011 mill-imputat u mmarkata bhala Dok XJM 6 a fol 339 et sequitur liema stqarrija mhijiex iffirmata mill-imputat, meta mistoqsi '*Int veru tahdem xi naqra l-hawn u l-hemm. Pero' il-bierah hawnhekk ippruvajt taghti stampa kompletament differenti ta' kif effettivament int ghamilt sold f'hajtek. Kull min jafek jaf li inti s-sold li ghamilt dejjem bil-qerq ghamiltu. Minn serq, qohob u traffikar ta' droga etc. Xi twiegeb?*' irrisponda '*Mhux veru.*' Fl-istqarrija tas- 16 ta' Gunju 2011 immarkata bhala Dok XJM 5 mistoqsi '*Il-hanut kemm ilek li nehhejtu?*' wiegeb '*Nahseb ilni tlett snin u nofs li nehhejtu. Ma nafx id-dati ezatt imma bejn wiehed u iehor. Dak nehhejtu sittax-il el Maltin b'kollox.*' Dwar jekk saritx xi forma ta' skrittura wiegeb li '*Konna morna ghand il-Gejges, ghandu hotel ta' l-Gharab l-Imsida, u morna il-hotel l-ohra ta' hdejn il-Maxims, kienet saret skrittura imma fuq cucata bhala flus. Ma konniex ghamilniha quddiem nutar, imma quddiem is-sid, ma nafx x'jismu ezatt, imma hu it-tifel tal-Gejges, hekk isibuhom.*' Mistoqsi '*Imma l-iskrittura li saret, skond int, ma saritx fuq l-ammont ta' flus li int effettivament, dejjem skont ma qed tghid int, akkwistajt imma fuq somma ferm inqas, hux hekk?*' wiegeb '*Mhux hekk, ghax inkella johdilna xeba' il-Gejges. Insejt kif konna fthemna.*' Mistoqsi '*Tiftakar x'kien l-ammont li jista' kun jaf dan il-Gejges?*' wiegeb '*Hu ghandu il-karti, ghax kollox fil-filijiet.*' **Michael Stivala** li xehed fis-seduta tal- 14 ta' Dicembru 2011 spjega dwar proprjeta' li Christopher Vella kien wellieh lis-sur Pawlu Spagnol u Pawlu Spagnol wara xi sentejn go fih kien wellieh lil terzi persuni certu Manuel Spiteri mir-Rabat. Qal li Charles Spagnol, ghalkemm minghalih la jaf ghand Charles u lanqas ghand Pawlu kien mikri ghax qishom flimkien kienu. Giet prezentata skrittura fejn Charles Spagnol ircieva LM3,500. F'din l-iskrittura a fol 464 u mmarkata bhala Dok S hemm imnizzel '*I Mr. Charles Spagnol ID No: 223588M & Mr. Paul Spagnol have received the sum of LM3500 (Three Thousand Five Hundred Maltese Liri) for termination of contract regarding Michael Stivala Bar, 306, Rue d'Argens, Gzira. We confirm that no other claims are pending.*' Jirrizultaw firem fuq ismijiet Michael Stivala u Charles Spagnol. Fost numru ta' vetturi li kienu regisrati fuq l-imputat jirrizulta li vettura tat-tip Pajero Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni ABN906 ma baqghetx registrata fuq l-imputat fit- 12 ta Lulju tas-sena 2010, jirrizulta ukoll li l-vettura tat-tip Mercedez benz C2202CDI bin-numru ta' registrazzjoni BAN242 giet registrata fuq l-imputat fit-

2 ta' Lulju 2010 sat- 23 ta' Novembru 2010 skont id-dokument dok SC3 a fol 513 ghalkemm skont id-dokuemnt a fol 515 bhala 'Last Change of Owner' tnizzel '23/12/2010'. Jirrizulta li l-imputat kellu numru ta' vetturi registrati f'ismu f'zminijiet differenti. Ommisses skont id-dokument a fol 495 immarkat bhala Dok SC1 ukoll kellha vetturi registrati f'isimha f'zminijiet differenti fosthom vettura ta' tip Maruti Gypsy bin-numru ta' registrazzjoni LCG 412 mill- 20 ta' Lulju 2010 sat- 22 ta' Novembru 2010.

**L-Ispettur Joseph Mercieca** fis-seduta tat- 12 ta' Novembru 2013 mistoqsi '*Naqblu li s-Sur Spagnol jaghmel hafna bicciet ta xoghol irregolari fis-sens jigifieri fis-sens mhux bil-ktieb ha nghidu hekk.*' wiegeb '*Jien is-Sur Spagnol qalli li kien jigbor xi metalli u jbieghhom ghal iscrap, ifhimni konna ccekjajna ma diversi scrap yards u rrizulta li kien igibilhom veru kien johdilhom imma mhux fil-kwantitajiet li beda jghid hu biex jirrendu dawk il-flejjes kollha.*' Mistoqsi '*Lilek qatt irrizultalek li s-Sur Spagnol anki fi zminijiet precedenti ghal din il-kawza kien jinnegozja ghal dak li jigi ghal idejh, specjament per ezempju xi karozza, jixtri karozza bi prezz u jbieghha jumejn wara bi prezz iehor.*' wiegeb '*Jista jkun ma nafux bhala fatt imma jista jkun ma nistax neskludi li kien jaghmel hekk.*' Mistoqsi dwar li tnejn u erbghin elf (42,000) ghaddew minn taht id Maria Carmela Fenech legittimamement f'assistenza socjali wiegeb '*Le ghaddew hux kienet tiehu tar-relief tnejn u erbghin elf u zgur li ghaddew dan huwa prova.*' Mistoqsi '*Huwa evidenti li dawn il-hlasijiet tas-sigurta socjali kienu jigu inkassati, jigifieri kienet taqbad tircievi c-cheque u ticcashjah u zzomm il-cash ghaliex il-kontijiet bankarji taghha qatt ma lahqu l-eluf li filfatt irceviet, fil-bank ma kienet izzomm xejn kwazi.*' wiegeb '*Mhux hekk ma tridtx tghix minnhom hux, hi u wliedha.*'

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tqis li ghalkemm id-dokumenti prezentati a fol a 707 sa 717 b'ammonti ta' beneficcji, allowance u pensjonijiet ricevuti minn ommisses taht l-Att tas-Sigurta' Socjali ma gewx ikkonfermati bil-gurament minn min inhargu, ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar li ommisses irceviet ammonti bhala beneficcji socjali.

L-**Ispettur Joseph Mercieca** mistoqsi '*Imma huwa evidenti sew qed nghidlek li kienet tghix bil-cash. Kienet tinkassa ma kinitx tiddeposita fil-kontijiet bankarji taghha ghax fil-*

*kontijiet bankarji taghha movimenti zghar ta' flus kien ikun hemm.'* Meta mistoqsi '*x'hemm stramb illi tnejn minn nies jinvestu erbatax-il elf Euro bejniethom meta wahda minn dawn it-tnejn ghandha prova irrifjutabbli illi f'medda ta erba snin ta qabel kienet irceviet tnejn u erbghin elf Euro x'hemm daqshekk fenomenali?'* wiegeb '*M'hemm xejn stramb fiha din li hemm stramb huwa din bhala ma diga spjegajt qabel li dawn kienu qed jigu nvestigati fuq is-serqa in kwistjoni meta fil-pussess taghhom instab dak id-deheb kollu li kien gej mis-serqa in kwistjoni, ab inizio hadd minnhom ma qalilna li dan id-deheb kien tahulhom is-Sur Camilleri li kien akkuzat b'din is-serqa, dan hareg wara, issa kemm wara ma niftakarx pero dan hareg wara, wara li l-kaz tas-sur Camilleri kien inqata u kien beda jghid li tahulhom hu, mbaghad irrizultaw li kien hemm dan il-moviment ta flejjes, issa meta ccekjajna mal-banek jekk mhux sejjer zball il-Bank of valletta qabel dan il-kaz qatt ma kien hemm movimenti ta flus daqshekk qawwija, kien hemm movimenti ta flus dejjem f'ammonti relattivament zghar, mijiet qed nitkellmu, wara dawk il-fifteen days wara s-serqa, wara li giet rapurtata s-serqa kien hemm rappurtat dan il-moviment qawwi ta fus. Jigifieri ahna mhux ghax kien hemm dawk il-flus ingrabu hawn dawn mixlija bis-serqa fil-konfront tas-Sur Spagnol, imma ghaliex tenut kont li kien instab ghandhom dak id-deheb misruq mbaghad kien hemm dawk il-movimenti ta flus kienu gew allacciati infatti ahna ma konniex mexxejna fil-konfront taghhom minhabba meta beda jghid is-Sur Camilleri illi beda jitfa l-htija fuq is-Sur Hartley allura ahna hemmhekk qadna pass lura, mbaghad meta rrizulta wkoll li kien hemm dawk il-movimenti ta flus mbaghad l-affarijiet hemmhekk kienu mod iehor.'*

L-Avukat Dottor Roberto Montalto fis-seduta tas- 17 ta' Jannar 2017 prezenta rendikonti tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghas-snin 2005 sas-sena 2010, *life policy* li kienet rilaxxata flimkien ma' cekkijiet mahruga mil-'MSVLife' fost dokumenti ohra.

Minkejja li dawn id-depoziti kif ukoll il-polza tal-assigurazzjoni jistghu iqajmu suspett dwar il-provenjenza lecita ta' dawn il-flus u dan specjalment minhabba l-fatt li minn harsa lejn l-istatements tal-kontijiet tal-bank esebiti ma jirrizultax li l-kontijiet tal-bank tal-imputati kellhom ammonti sostanzjali u ghalhekk id-depozitu ta' dawn l-ammonti iqajmu certu suspett, biss pero' mix-xhieda ta' Michael Stivala li l-imputat wara li kien inkwilin ta' hanut, kien wellieh lil terza persuna u fejn giet prezentata skrittura a fol 464 u mmarkata bhala Dok S fejn ghalkemm ma hemmx il-firma ta'

Paul Spagnol hemm imnizzel '*I Mr. Charles Spagnol ID No: 223588M & Mr. Paul Spagnol have received the sum of LM3500 (Three Thousand Five Hundred Maltese Liri) for termination of contract regarding Michael Stivala Bar, 306, Rue d'Argens, Gzira. We confirm that no other claims are pending.*' u ghalhekk setghu ghaddew flus b'dan il-mod lill-appellat Paul Spagnol. B'zieda ma dan, gew ipprezentati dokumenti li jixhdu l-ammonti li ommisses kienet tircievi bhala beneficcji socjali, ifisser li f'xi zmien Fenech kellha dawn il-flus f'idejha u minkejja li din il-Qorti ghandha suspetti dwar il-fatt li kemm id-depoziti fil-kontijiet bankarji u anke il-polza tal-assigurazzjoni u cioe' l-MSV Single premium plan saru fix-xahar ta' Lulju ,2010 u ghalhekk mhux imqassam f'medda ta' zmien, ma tistax teskludi l-possibilita' li l-flejjes uzati ghal polza mal-MSV setghu kienu flejjes gejjin mill-beneficcju ta' assistenza socjali li kienet tircievi Maria Carmela Fenech. Din il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex is-serhan tal-mohh sabiex issib htija ta' din l-imputazzjoni u dan anke abbazi tal-principju li kull dubju ghandu jmur favur l-imputat. Din il-Qorti sejra ghalhekk tillibera lill-appellat Paul Spagnol mill-akkuzi rigwardanti reati ta' *money laundering*.

B'zieda ma dan lanqas ma gew ippruvati it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet rigwardanti ghaqda kriminali.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tqis ir-raba' imputazzjoni rigwardanti serq. Jirrizulta li din l-investigazzjoni fil-konfront tal-appellat bdiet wara li fit- 23 ta' Gunju, 2010 irrizulta li sehhet serqa fil-fond Luncaster House f'Ta Sliema. F'din is-serqa kienu insterqu ammont kbir ta' gojjellerija, deheb u oggetti ohra. Dwar din is-serqa kien tressaq il-Qorti Joseph Camilleri u instab hati fuq ammissjoni skont dak li jirrizulta mis-sentenza datata 23 ta' Awissu 2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Joseph Mercieca Spettur Michael Mallia kontra Joseph Camilleri'** li tinsab a fol 407 et sequitur. Joseph Camilleri xehed fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) li kien dahal jisraq fid-dar in kwistjoni u kien ta' naqra deheb lill Paul Spagnol peress li mar biex jiprova jsiblu flat u ma kellux flus fuqu. Fuq dan id-deheb jghid li Paul Spagnol tah elfejn ewro. Mistoqsi dwar zewg statements jghid li jiftakar li

stqarrija wahda rrilaxxa. Dan ix-xhud kien gie dikjarat bhala xhud ostili mill-prosekuzzjoni. Joseph Camilleri kien rega xehed fis-seduta tat- 23 ta' Jannar, 2012. Din il-Qorti ma tqis lil Joseph Camilleri bhala xhud kredibbli u ta' min joqghod fuqu.

Jirrizulta li meta l-appellat Paul Spagnol irrilaxxa stqarrija fid- 29 ta' Lulju 2010 immarkata bhala Dok XJM2 mistoqsi dwar id-deheb, huwa qal li '*Dawk hemm minnhom li kienu tal-mara tieghi li illum mejta u tan-nanniet, hemm ohrajn tat-tfal u rigali ta' maghmudijiet u okkazzjonijiet ohra li gew matul is-snin.*' Cahad li l-oggetti huma misruqa minn go djar. Meta l-imputat Paul Spagnol rega rrilaxxa l-istqarrija ta' nhar it- 23 ta' Awissu 2010 a fol 327 et sequitur immarkata bhala Dok JXM4 l-imputat stqar li '*Id-darba l-ohra jien ghedtilkom li dak huwa tieghi w li mhux misruq. Jien hekk ghedt fl-istatement tieghi. Ghandi nippreciza li Joseph Camilleri parti tghani minnu mhux kollu.*' Mistoqsi kienx jaf li l-gojjellerija mhix gejja minn serq wiegeb '*Ghax lili Joey ix-Xitan ma qallix. Jien avzajtu jekk dak id-deheb kienx misruq. Dak jien rahnu ghandi d-deheb ghax ried il-flus ghall-post.*' Fl-istqarrija tas- 16 ta' Gunju 2011 a fol 232 immarkat bahla Dok XJM5 l-imputat rega insista li ma ghandux xjaqsam mas-serqa.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri'**[24] gie kkunsidrat li:

*'Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem*[25] *li*

*our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

*Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta'l- Appell Kriminali*[26] *stabbilit li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Jannar, 2013 (Numru 209/2011)

[25] Notes on Criminal Law Vol II pagna 269. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[26] Ref Pulizija vs John Galea deciza 31/01/2003. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) tas-sentenza citata)

*intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Adrian Valletta</u>'**[27] gie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini -*

*"l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza ghal dan ir-reat) e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio."*

*Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista' prima facie tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fil-Programma Speciale vol IV para 2017- vide fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Tanti</u>**[28].*

*Il-**Carrara** jghid: "il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

*Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:*

1. *il-contractatio tal-haga,*
2. *li tappartjeni lil terzi,*
3. *maghmula b'mod frawdolenti,*
4. *minghajr l-kunsens tad-sid, u*
5. *animo lucrandi.*

*Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod*

---

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2019 (Appell Numru: 37/2015)
[28] Deciz mill-Qorti tal- Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 (Vol XXXII(e) IV/814 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlettax (13) tas-sentenza citata)

*frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss t-tehid tar-res aliena izda l-intenzjoni li ser isir akkwist- **animo di farne lucro**. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia.*

*Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jghid **Manzini** presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil- fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza **Il-Pulizija v S.Pisani** [29]-, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l- kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.*

***Carrara** jghid : "avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Din il-Qorti tqis li ma giex sufficentement ippruvat li l-appellat Paul Spagnol kellu involviment fis-serqa ta' gojjelerija u oggetti ohra mid-dar in kwistjoni. Il-fatt li numru ta' gojjellerija instabet ghand l-imputat ma hijiex bizzejjed biex jigi pruvat ir-reat ta' serq. Kellhom jigu prezentati provi ohra li jikkonfermaw l-involviment tal-appellat fis-serqa in kwistjoni fosthom is-sejba ta' finger prints tal-appellat fil-fond minn fejn sehher is-serqa. L-appellat sejjer ghalhekk jigi liberat mill-imputazzjoni ta' serq. Konsegwentement sejjer jigi liberat mill-imputazzjoni numru hamsa (5) dwar hsara volontarja u anke mis-sitt (6) imputazzjoni dwar assocjazzjoni ma persuni

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbatax (14) tas-sentenza citata)

f'Malta  jew persuni barra minn Malta bil-ghan li jsir delitt f'Malta stante li lanqas dawn ma jirrizultaw sufficentement ippruvati.

L-istess ma jistax jinghad dwar is-seba' (7) imputazzjoni u cioe' dik rigwardanti r-reat ta' ricetazzjoni. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Alfred Brown'**[30] fejn gie kkunsidrat li:

'*Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l- oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*'

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Supt. Carmelo Bartolo) vs Joseph Falzon Anthony Falzon'**[31] inghad li:

'*It-tieni akkuza, invece, timmerita konsiderazzjoni aktar approfondita ghaliex l-provi juru*

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru: 352/2014)
[31] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' Lulju, 2011 (Numru: 953/2005)

*b'mod inkonfutabbli li l- imputati kienu fil-pussess ta' parti minn rifurtiva ta' serqa appena mwettqa, liema rifurtiva tikkonsisti fi prodott ta' laham u li huma stess huma bejjiegha tal-laham. Din il- kwantita' ta' laham kienet minnhom akkwizita bi prezz irhas minn dak normalment misjub fis-suq u fi kwantita' li mhux normalment jixtru. L-artikolu 334 tal-Kap 9 jipprovdi illi: "kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel...". Dwar l-elementi ta' dan ir-reat, din il- Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima, deciza mill Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25.10.2002*** *fejn opportunement qeghdha tkun hawn riprodotta dik il-parti disposittiva taghha. Dik il-Qorti rriteniet irriteniet hekk:*

*"Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali T aljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):*

***Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza...Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato...[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte...a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena...Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.1***

*Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel*

*imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi. Pero` wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-vetturi kienu "tainted" (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom), dan ma jezonerax lill- prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta' provenjenza illecita kif fuq imfisser."'*

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-gojjellerija li instabet ghand l-appellat kienet gojjellerija misruqa minghand Dorothy Trapani Galea kif anke kkonfermat minn Dorothy Trapani Galea stess ghajr ghal zewg oggetti li nghataw lura lill-appellat skont kif xehed is-Surgent PS 90 Jeffrey Gerada fis-seduta tal-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011). Ghalhekk ma hemmx dubju li jissussiti l-element materjali tar-reat. Joseph Camilleri quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tad- 19 ta' Settembru 2011 mistoqsi kif parti mid-deheb misruq minn din is-serqa spicca ghand Pawlu Spagnol wiegeb li '*Ghax dak konna, kont naf Sinjura Magistrata li kien qed jikri l-flattijiet, fhimtni, jien kelli bzonn flat, kont mort kellimtu biex jipprova jsibli flat, qalli: issa nara jekk insiblekx, fhimtni, jiena imbaghad tani n-numru tieghu kien biex incempillu, cempiltlu wara xi tlett (3) ijiem, erbgha (4), kien qalli: sibtlek wiehed, fhimtni? U peress li jien ma kellix flus f'idi dak iz-zmien, kelli dik in-naqra deheb, mort fuqu u ghidtlu: taf lil xi hadd forsi nissellef xi haga fuqu dan id-deheb. Qalli: naf bniedem. U mbaghad hallejna gurnata ohra, hu kien kellem lil dan il-bniedem ma nafx min hu jien, sewwa, u kien gabli elfejn (2,000) Euro kien fuq dan id-deheb.*' Dawn l-elfejn ewro gabhomlu Pawu Spagnol. Spjega ukoll li '*U mbaghad krejt il-flat, sewwa? U jiena ridtu - qalli: ghalfejn ma tiehdux ghal sena? Qalli: forsi jiffrankalek xi haga sid il-flat. U kont hadtu tlett mija (300) fix-xahar.*' Dan ix-xhud gie dikjarat bhala xhud ostili mill-prosekuzzjoni u kif anke kkunsidrat din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza ma tantx tqisu bhala xhud kredibbli li ta' min joqghod fuqu. Mill-atti jirrizulta li l-appellat fl-istqarrija rilaxxata ta' nhar it- 23 ta' Awissu (2010 a fol 327 et sequitur immarkata bhala Dok JXM4 huwa stqar li '*Id-darba l-ohra jien ghedtilkom li dak huwa tieghi w li mhux misruq. Jien hekk ghedt fl-istatement tieghi. Ghandi nippreciza li Joseph Camilleri parti tghani minnu mhux kollu.*' Mistoqsi kienx jaf li l-gojjellerija mhix

gejja minn serq wiegeb '*Ghax lili Joey ix-Xitan ma qallix. Jien avzajtu jekk dak id-deheb kienx misruq. Dak jien rahnu ghandi d-deheb ghax ried il-flus ghall-post.*' L-appellat f'din l-istqarrija qal ukoll li '*Fuq id-deheb li tghani jien tghajtu elfejn Euro.*' Jghid ukoll li '*Jien tant ma issuspettajt xejn hazin li zammejtu d-dar id-deheb.*' Din il-Qorti ma temminx li l-appellat ma kienx jaf li d-deheb kien misruq u in oltre lanqas ma jirrizulta li l-appellat ha xi prekawzjoni biex jaccerta ruhu dwar il-provenjenza legittima tal-oggetti moghtija lilu. Ghalhekk il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din l-akkuza sal-grad rikjest mill-ligi.

Ikkunsidrat;

Illi t-tmien imputazzjoni tirrigwarda ksur tal-provedimeni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li a fol 220 gietipprezentata sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-ghaxra 10 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet **'Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs Paul Spagnol'** immarkata bhala Dok JMZ 5 fejn l-appellat instab hati u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax (18)-il xahar. Din is-sentenza giet esebita mill-Ispettur Joseph Mercieca fis-seduta tad- 19 ta' Settembru 2011 u fiha l-konnotati tal-imputat. Referenza ghal din is-sentenza tinsab ukoll fil-fedina penali tal-appellat. Minkejja dan ma tressqet l-ebda prova li din is-sentenza hija res judicata, liema prova kellha titressaq jew billi jitla l-Ufficjal Prosekutur ta' dik il-kawza jew ir-registratur li jikkonferma bil-gurament li ma kienx hemm appell minn dik is-sentenza. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza ricentement fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur SARAH MAGRI) Vs Khalid Tonna**'[32] ghalkemm mhux dwar ksur ta' provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost permezz ta' sentenza izda dwar l-ahjar prova li trid titressaq mill-prosekuzzjoni ghal imputazzjoni ta' ksur ta' kundizzjoni ta' sentenza, gie kkunsidrat li:

'*Illi l-Qorti taqbel bis-shih mas-sottomissjonijiet tal-avukat difensur. Il-kopja tas-sentenza li giet esebita a fol 38 tal-process ghandha zewg timbri: wiehed maghmul ffirmat minn Deputat Registratur sabiex jissenjala illi din hija "vera kopja fotostatika tal-original" u timbru iehor*

[32] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati Malta Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Jannar, 2020

*<u>**jew ahjar kopja ta' timbru**</u> b'firma ta' avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali flimkien mal-kliem miktuba bil-kalligrafija: "visto – no appeal 29/11/2018". It-timbru u l-kliem tal-ahhar jidher illi kienu ezistenti fuq il-kopja originali tas-sentenza u filfatt parti mill-kliem jinsabu oskurati minhabba li l-pagna ta' quddiem tas-sentenza jidher li tghawwget meta kien qed isir fotokopja taghha. Minghajr ebda tidwir mal-lewza hawnhekk il-Qorti thoss illi l-Prosekuzzjoni esebit prova ferm medjokra li tfalli milli mqar tersaq vicin il-livell tal-ahjar prova rikjest mill-ligi. L-aqwa prova li setghet tingieb certament kellha tkun konferma <u>**guramentata**</u> mir-rapprezentant tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali illi (1) is-sentenza hija vera kopja tal-original, u (2) li s-sentenza ma' gietx appellata. Konferma tad-Deputat Registratur li s-sentenza hija vera kopja saret permezz tat-timbru tieghu izda ma' ngiebet l- ebda prova bil-gurament illi tali sentenza kienet res judicata. Fil-mankanza ta' dawn, il-Qorti ma' tistax ssib htija fuq din it-tielet akkuza galadarba l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovha sal-grad rikjest mill-ligi, cioe' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni bbazata fuq the best admissible evidence.'*

Fl-istess sentenza dwar imputazzjoni ta' ksur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta gie kkunsidrat li:

*'Illi fir-rigward tat-raba' akkuza, cioe' dik illi l-imputat kiser l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 b'zewg sentenzi moghtija lilu minn din il-Qorti diversement presjeduta (sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 2018 per Magistrat illum Imhallef Onor. Dr. Francesco Depasquale u sentenza moghtija fis-26 ta' Lulju 2017 per Magistrat Onor Dr. Doreen Clarke), il-Qorti rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni esebiet bil-gurament tal-ufficjal taghha vera kopja ta' dawn iz-zewg sentenzi[33].*

*Illi fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur tal-imputat sahaq illi ma' ngiebetx l-aqwa prova billi s-sentenzi li gew esebiti ma' gewx ikkonfermati bil-gurament minn rapprezentat tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali. Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni u ghal darb' ohra tissenjala illi kull ma' kellha taghmel il-Prosekuzzjoni kien illi tesebixxi vera kopja tas-sentenzi debitament awtentikati (kif filfatt ghamlet) **u guramentati** minn rapprezentant tar-Registratur Qrati u Tribunal Kriminali bhala ufficjal pubbliku.'*

Stante li ma giex ikkonfermat bil-gurament li din is-sentenza ma gietx appellata u li ghalhekk hija res judicata, din il-Qorti ma tistax issib htija tat-tmien (8) imputazzjoni.

[33] Fol 30-31, Fol 25-27 (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

Ikkunsidrat;

Illi d-disa' (9) imputazzjoni tirrigwarda ksur ta' kundizzjoni imposta fuqu u cioe' digriet ta' helsien mill-arrest fosthom li ma jikkomettix reati ta' natura volontarja. Fl-atti ma gie ipprezentat l-ebda digriet ta' helsien mill-arrest li kien vigenti meta l-appellat ircieva l-oggetti misruqa u ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx sufficentement ippruvata.

L-ghaxar (10) imputazzjoni tirrigwarda l-addebitu tar-recediva. Fl-atti jirrizulta li gew ipprezentati diversi sentenzi mill-Ispettur Joseph Mercieca fis-seduta tad- 19 ta' Settembru 2011. Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li sabiex tigi pruvata r-recediva kellhom jigu prezentati l-veri kopji tas-sentenzi, liema sentenzi kellhom ikun fihom il-konnotati tal-imputat u f'kaz li ma kienx hemm il-konnotati, kellu jitla l-Ufficjal Prosekutur ta' dak il-kaz u jikkonferma l-identita' tal-imputat hlief f'dawk il-kazijiet fejn id-difiza kienet qieghda tezenta lil Prosekuzzjoni milli ggib prova tal-identita' tal-imputat. B'zieda ma dawn ir-rekwiziti, fil-kaz ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tal-Qorti Kriminali kellu jitla l-Ufficjal Prosekutur jew ir-Registratur tal-Qorti jikkonferma bil-gurament li dik is-sentenza hija res judicata u cioe' li ma kienx hemm appell minnha. Il-fedina penali mhijiex prova bizzejjed *ai fini* tal-addebitu recidiva. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur SARAH MAGRI) Vs Khalid Tonna**'[34]:

'*Illi l-Qorti hawnhekk trid taghmel distinzjoni bejn (i) il-htiega li l-kopja tas-sentenza tigi debitament awtentikata kif trid il-ligi (i.e. skond Art. 49(2)), xi haga li tista ssir anke b'gurament ta' xhud, u (ii) il-htiega li jigi kkonfermat bil-gurament illi dik is-sentenza hija res judicata. Il-kopji tas-sentenzi esebiti fil-process a fol 25-27 u a fol 38-41 jidhru li gew debitament awtentikati kif trid il-ligi galadarba gew certifikati mid-Deputat Registratur (li allura jaqa' taht l-awtorita' responsabbli ghall-gustizzja msemmija fl-Art.49(2)(b)) ghalkemm mhux l-istess jista' jinghad ghall-kopja tas-sentenza esebita a fol 32-33 stante illi hawnhekk kull ma' jidher huwa firma minghajr l-ebda indikazzjoni ta' min hi dik l-istess firma. Madanakollu l-ebda wahda minn dawn is-sentenzi ma' gew kkonfermati bil-gurament li*

[34] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati Malta Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Jannar, 2020

*huma res judicata mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u l-Qorti f'dan ir-rigward ma' taqbilx mal-argument tal-Prosekuzzjoni illi dan jista' jigi dedott mill-Qorti billi tifli l-fedina penali tal-imputat ghaliex din certament m'hijiex l-aqwa prova li tista' tingieb.*

*Illi inoltre biex jiskatta dak li hemm mahsub fl-Art. 50 tal-Kap. 9 u cioe' zieda fakoltattiva fil-piena bi grad, jehtieg li jigi ppruvat li l-akkuzat ikun ghamel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li jkun skonta jew tkun giet mahfura l-piena ghad-delitt li jkun gie kundannat ghalih precedentement fejn iz-zmien tal-piena li jkun gie kundannat ghaliha fl-ewwel kaz tkun izjed minn hames snin prigunerija, jew fi zmien hames snin fil-kazijiet l-ohra kollha.*

*Illi fis-sentenza datata 26 ta' Lulju 2017 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, il-Qorti kienet immultat lill-imputat ihallas is-somma komplessiva ta' erba' mitt euro fi zmien sitt xhur. Sabiex din is-sentenza tkun tista' tintuza ai fini tal-prova tar-recidiva' (taht l-Art. 50 tal- Kap. 9) kien jehtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova illi din giet skontata permezz tal-hlas tal-multa. Madanakollu mill-provi ma' jidhirx illi dan sar u ghalhekk anke ghal din ir-raguni il-Qorti sejra tiskarta din is-sentenza.*

*Illi min-naha l-ohra fis-sentenza datati 16 ta' Ottubru 2018 (per Onor Magistrat Dr. Francesco Depasquale), il-Qorti kienet ordnat il-hrug ta' Probation Order u galadarba Ordni bhal din ma' tikkostitwixxi l-ebda kundanna, ma' tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-addebitu tar- recidiva.'*

Jirrizulta li fis-seduta tas- 6 ta' Settembru 2012 a fol 624 gie verbalizzat li '*Id-difiza b'referenza ghar-rekwesit (d) qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tella l-prova tal-identita.*' Din il-Qorti qieghda tifhem li r-referenza kienet qieghda ssir ghal rekwizit (c) kontenuta fin-nota tal-Avukat Generali tal- 21 ta' Awissu 2012 u cioe' '*Terga' tisma' lill-ufficcjal prosekutur sabiex iressaq il-provi tal-identita' fir-rigward tas-sentenzi ezebiti a fol 206 u 216, salv ezenzjoni tad-difiza f'dan ir-rigward;*' u ghalhekk l-indikazzjoni tar-rekkwizit (d) huwa lapsus. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tqis li giet ippruvata l-identita' tal-imputat fis-sentenzi immarkati bhala Dok JMZ1 sa Dok JMZ4.

Fl-atti ta' din il-kawza, giet ipprezentati sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. Antoine Casha u Spt. Bartholomeo Mula) kontra Paul Spagnol'</u>** deciza fit- 12 ta' Mejju, 1992 gie kkundannat ghal prigunerija ta' erbatax-il

xahar u ghal multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) a fol 206 et sequitur immarkata bhala JMZ 1. Ma jirrizultatx jekk il-multa gietx imhallsa u in oltre' rigwardanti l-piena ta' prigunerija, stante li ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin minn meta kellha tigi skontata l-piena, din il-Qorti sejra titratta mal-appellat bhala ricediv *ai termini* tal-artikolu 49 izda mhux l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Giet ipprezentata sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Raymond Vella Gregory u L-Ispettur Paul Sammut) kontra Paul Spagnol'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit- 30 ta' April 1993 a fol 208 et sequitur immarrkata bhala JMZ 2 fejn l-imputat kien gie kkundannat piena ta' sentejn u nofs prigunerija u gie skwalifkat mili jottjeni kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena li jibda jiddekorri wara li jiskonta l-piena karcerarja. Gie kkundannat ukoll l-ispejjez inkorsi fis-somma ta' wiehed u sebghin lira Maltin (LM71) ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Is-Supretendent Vella Gregory fis-seduta tas- 27 ta' Frar 2012 b'referenza ghal din is-sentenza gharaf lil Paul Spagnol bhala l-istess persuna. Minkejja li jaghmel referenza ghal JM22 li ghandha taqra JMZ 2 huwa jikkonferma d-data tas-sentenza. Stante li ghaddew il-fuq minn ghaxar snin minn meta kellha tigi skontata l-piena, din il-Qorti ma tistax titratta mal-appellat bhala ricediv taht l-artikolu 50 izda taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Giet ipprezentata sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja fl-ismijiet **Il-pulizija (Spettur Ryamond Vella Gregory) vs Paul Spagnol** datata l- 10 ta' April 1989 immarkata bhala JMZ 3 fejn l-imputat gie kkundannat sena prigunerija. Din is-sentenza ma fihiex il-konnotati tal-appellat Paul Spagnol izda s-Supretendent Vella Gregory fis-seduta tas- 27 ta' Frar 2012 b'referenza ghal din is-sentenza ikkonferma li kien l-ufficjal prosekutur u gharaf lil Paul Spagnol. Jirrizulta izda li fil-fedina penali hemm imnizzel li '*Gave notice of appeal*' u tnizlet ukoll data tas-'*26.7.90*' izda ma jirrizultax ghal xiex tirreferi din id-data. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis din is-sentenza ai fini ta' ricediva stante li ma jirrizultax jekk din is-sentenza hijiex *res judicata.*

Giet ipprezentata sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Sp. Mario Calleja) kontra Pawlu Spagnol u Patrick Sheehan'** immarkata bhala Dok JMZ 4 deciza fit- 8 ta' Ottubru 1990 fejn l-imputat gie kkundannat ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija. Stante li ghaddew il-fuq minn ghaxar snin minn meta kellha tigi skontata l-piena, din il-Qorti ma tistax titratta mal-appellat bhala ricediv taht l-artikolu 50 izda taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni ipprezentat ukoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **'Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs Paul Spagnol**' deciza fl- 10 ta' Marzu 2010 immarkata bhala Dok JMZ 5 a fol 220 et sequitur fejn il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax (18)-il xahar. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Stephen Zahra'**[35]:

*'Permezz tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jghid illi l- ewwel Qorti ma jmissha qatt sabitu hati li sar recidiv. Hawn din il-Qorti tghid bla tlaqliq li l-appellant ghandu ragun. L-unika sentenza li giet esebita fil-konfront tieghu bhala prova ta' recidiva hija sentenza tat-23 ta' Jannar 1990 li permezz taghha nghata conditional discharge skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 ghal perijodu ta' sentejn u gie wkoll ikkundannat ghall-hlas ta' ammenda.*

*Irid ghal darb'ohra jigi ribadit illi dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht il-Kap. 446 (u qabel il-Kap. 152)* ***"ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini tkun li tkun hlief"*** *fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 25 tal-Kap. 446 (qabel l-artikolu 12 tal-Kap. 152) u liema cirkostanzi mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern. Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-conditional discharge jew il-perijodu ta' probation*[36]*. Jigifieri l-appellant ma setax jigi dikjarat recidiv ai termini ta' l- artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali minhabba s-sentenza msemmija tat-23 ta' Jannar 1990. L-anqas ma hu l-kaz li l- appellant jista' jitqies recidiv minhabba li fl-imsemmija sentenza gie kkundannat ghall-hlas ta' ammenda peress illi din kienet piena li*

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2008 (Appell Kriminali Numru: 306/2006)

[36] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Johan Sultana**, 2 ta' Awissu 2006. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fis-sentenza citata.)

*nghatat ghal kontravvenzjoni.'* Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis din is-sentenza ai fini ta' ricediva u in oltre' kif ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza lanqas ma gie ippruvat li din is-sentenza hija res judicata.

Gietipprezentata ukoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **'Pulizija Spettur Anthony Mifsud v Paul Spagnol'** deciza fl- 10 ta' Settembru 2001 immarkata bhala JMZ 6 fejn ghal uhud mill-akkuzi l-imputat f'dik il-kawza tpogga taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation ghal zmien sentejn u ghal akkuza ohra gie kkundannat multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u iskwalifikatu milli jkollu jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar. Apparti l-fatt lima jirrizultax ezenzjoni mid-difiza dwar l-identita tal-imputat ghal din is-sentenza, mill-fedina penali lanqas ma jirrizulta jekk thallsitx il-multa bhal kif lanqas ma tressqet prova sufficenti beix tipprova li s-sentenza hija res judicata. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex tqis din is-sentenza *ai fini* ta' prova ta' ricediva.

Giet ipprezentata ukoll sentenza tal-Qorti Kriminali datata 25 ta' Mejju 2000 immarkata bhala JMZ 7 fejn l-imputat gie kkundannat hames (5) snin prigunerija kif ukoll multa ta' LM25,000 fost pieni ohra. Din is-sentenza ukoll ma jirrizultax jekk hijiex res judicata u ghalhekk din il-Qorti lanqas ma hijiex tqis din is-sentenza ai fini ta'prova ta' ricediva.

A fol 231 et sequitur u mmarkata bhala JMZ 8 giet esebita sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati Tal-Pulizija Gudizzjarja Ghall-Gzira ta' Malta fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Paul Spagnol' deciza fit- 30 ta' Ottubru 1986 fejn l-imputat gie kkundannat sentejn prigunerija. Din is-senenza tinkludi isem missier l-imputat, l-post tat-twelid u d-data tat-twelid izda ma hemm l-ebda numru ta' karta tal-identita'. Fil-fedina penali u senjatament fuq wara ta' fol 834 hemm imnizla data ohra li din il-Qorti ma tafx jekk din id-data hijiex meta giet skontata u lanqas jekk din gietx appellata ghalhekk din il-Qorti anke f'dan il-kaz ma hijiex sejra tqis din is-sentenza ai fini ta' prova ta' ricediva.

Giet ipprezentata ukoll sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati Ghal Gzira ta' Malta fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Sp. J.M. Azzopardi) vs Paul Spagnol'** deciza 2 ta'

Novembru 1989 immarkata bhala JMZ 9 a fol 223 et sequitur tal-atti fejn l-imputat gie kkundannat ghal zmien tmien xhur prigunerija. Din is-sentenza ukoll ma fihiex il-konnotati tal-imputat izda l-ex Supretendent Joseph Azzopard xehed fis-seduta tas- 27 ta' Lulju 2012 u kkonferma li kien prosekutur fil-kawza u gharaf lil Paul Spagnol. Fil-fedina penali tal-appellat tnizzel '*Confirmed by Court of appeal on the 7.5.90*'. Din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali baqghet ma gietxipprezentata fl-atti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq il-fedina penali u ghalhekk lanqas sejra tqis din is-sentenza bhala prova ai fini ta' ricediva.

Ghalhekk abbazi ta' dak ikkunsidrat, din il-Qorti sejra ssib lill-appellat hati li huwa recediv ai termini biss tal-artikolu 49 rigwardanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. Antoine Casha u Spt. Bartholomeo Mula) kontra Paul Spagnol' deciza fit- 12 ta' Mejju 1992 a fol 206 et sequitur immarkata bhala JMZ 1 kif ukoll abbazi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Raymond Vella Gregory u L-Ispettur Paul Sammut) kontra Paul Spagnol'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit- 30 ta' April 1993 a fol 208 et sequitur immarkata bhala JMZ 2 u anke rigwardanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Sp. Mario Calleja) kontra Pawlu Spagnol u Patrick Sheehan'** immarkata bhala Dok JMZ 4 deciza fit- 8 ta' Ottubru 1990.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-prosekuzzjoni ghal hlas tal-ispejjez skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li fl-atti tal-inkjesta kienu gew mahtura scene of crime officers PS 171 Karl Glanville u Ps 465 Daniel Abela[37], liema ufficjali tal-Pulizija prezentaw ir-relazzjonijiet taghhom inkluz numru ta' ritratti tal-proprjeta fejn sehhet is-serqa. Dr Vincent Ciliberti ukoll gie mahtur fl-inkejsta u ha - xhieda tad-derubata u ta' membri tal-familja filwaqt li anke acceda fil-proprjeta' fejn sehhet is-serqa. Ghalhekk gialadarba ir-relazzjonijiet tas-*scene of crime officers* u anke ta' Dr Vincent Ciliberti huma intrinsikament marbuta mar-reat tas-serq li tieghu l-imputat ma giex misjub hati l-appellat din il-Qorti ma hijiex sejra tordna l-hlas ta' dawn l-esperti. B'zieda ma dan lanqas ma hija se tordna l-hlas tal-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta' Dr Anthony Cutajar li gie mahtur mill-Qorti fis-seduta tal- (11) ta'

[37] Indikata bhala 'PS 465 Daniela Abela' fil-process verbal.

Awissu 2011 sabiex jaghmel ricerka dwar l-assi kollha mobbli u mmobbli tal-imputati. Din il-hatra hija intrinsikament marbuta mal-imputazzjoni tar-reat ta' money laundering u ghalhekk stante li l-appellat lanqas ma nstab hati ta' din l-imputazzjonijiet, il-Qorti mhijiex sejra tordna l-hlas tal-ispejjez in konnessjoni ma din il-hatra.

Ikkunsidrat;

Ghal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal dak kontenut fil-verbal tas-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u cioe' li '*Il-partijiet jaqblu li il-komminazzjoni tal-piena kif moghtija mill-ewwel Qorti, kienet hazina.*' Dan gie dikjarat f'kaz li instabet htija tat-tmien (8) imputazzjoni u cioe' dik ta' ksur ta' provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante li l-Qorti annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u in oltre lanqas sabet htija tat-tmien (8) imputazzjoni ma hemm xejn li jiprojbixxi lil din il-Qorti li tordna l-hrug ta' ordni ta' probation u anke ta' Ordni ta' servizz fil-komunita'.

Minkejja l-fatt li annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti sejra tiehu kont tal-fatt li l-appellat Paul Spagnol kien skonta parti mill-piena u cioe' parti kbira mis-sieghat ta' xoghol fil-komunita' tant li l-ufficjal tal-Probation Charlet Fabri fis-seduta tat- 23) ta' Lulju 2019 kienet xehdet li sal-ahhar 2019 wettaq mija u tmienja u tmenin siegha (188) xoghol fil-komunita'. Meta xehed l-appellat Paul Spagnol fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) huwa spjega li kellu jaghmel erba' mija u tmenin (480) siegha fil-komunita' u li jmur kull nhar ta' Sibt jaghmel seba' (7) sieghat. Ghalhekk jirrizulta li l-imputat lehaq skont parti kbira tas-sieghat f'xoghol fil-komunita' kif ordnat mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tqis li instab ammont sostanzjali ta' gojjellerija ghand l-imputat, liema gojjellerija kienet insterqet minn dar residenzjali. Fis-seduta tal- 11 ta' Awissu 2011 l-Ewwel Qorti kienet innominat lis-Sur Mallia ta' Mallia and Borg Jewellry, Saint Lucija Street biex jagheml validazzjoni tad-deheb skond il-lista Z15. John Mallia Borg fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2011 xehed li ezamina items tad-deheb li telghu ghal valur ta' erbgha u ghoxrin elf, disa' mija u wiehed u sebghin ewro (24,971.00) u prezenta lista tal-oggetti bil-valuri.

Din il-Qorti tqis ukoll li l-fedina penali tal-imputat hija wahda rifrettarja u ghalhekk din il-Qorti qieghda twissi lill-appellat li ghandu jiehu din l-opportunita' u jimxi fit-triq it-tajba u jhalli darba ghal dejjem il-hajja kriminali li hija ta' dannu kemm ghalih u anke ghal terzi persuni.

Madankollu, abbazi tal-fatt li l-imputat kien inzamm ghal zmien konsiderevoli taht arrest preventiv u anke stante li l-imputat lehaq skonta parti kbira tax-xoghol fil-komunita' ordnat mill-Ewwel Qorti permezz ta' din is-sentenza giet annullata, tqis li tenut kont tac-cirkostanzi mhuwiex xieraq li l-imputat jinghata piena karcerarja u sejra ghalhekk tpoggi lill-imputat ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum taht ordni ta' probation u in oltre' sejra ukoll tqieghed lill-appellat taht ordni ta' Servizz fil-Komunita' billi jaghmel xoghol fil-massimu ta' erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond l-arrangement li jsiru mid-direttur tas-Servizzi tal-Probation u bil-kundizzjonijiet annessi kontenuti fid-digriet anness. Gialadarba l-appellat diga ghamel ammont konsiderevoli ta' sieghat konsistenti f'xoghol fil-komunita' kif ordnat fis-sentenza li giet annullata minn din il-Qorti, din il-Qorti sejra tordna li dawn jitnaqqsu minn l-ammont ordnat minn din il-Qorti.

**Din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghas-sentenza preliminari moghtija fil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) moghtija minn din il-Qorti kif preseduta f'dan l-appell, temfasizza li jehtieg li jkun hemm tibdil fil-ligi fis-sens li meta jkun hemm appell mill-Avukat Generali, l-esekuzzjoni tas-sentenza u ghalhekk anke l-ezekuzzjoni tal-piena ghandha tigi sospiza stante li imputati qeghdin jitqieghda f'sitwazzjoni li anke meta f'certu kazijiet ikunu diga skontaw il-piena sakemm jigi deciz l-appell, Qorti tal-Appell Kriminali tkun tista tirrevoka piena li gia tkun skontata u minflokk tordna piena ohra u ghalhekk tista' twassal ghal sitwazzjoni li hati jigi *punished twice*. Din il-Qorti qieghda ghalhekk tirrakomanda bdil fil-ligi f'dan ir-rigward u qieghda ghalhekk tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Ministru tal-Gustizzja.**

Ghal dawn il-motivi, wara li din il-Qorti *ex officio* annullat is-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 49, 334(a), 261(c), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tas-seba' (7) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni rigwardanti r-recediva *ai*

*termini* biss tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda a tenur tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma suggetti ghal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghtija llum stess u annessa ma din is-sentenza. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil imputat taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' billi jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi ghall-erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness. Din il-Qorti qieghda tordna li mill-ammont ta' erba' mija u tmenin (480) siegha xoghol fil-komunita' bla hlas ghandhom jitnaqqsu s-sieghat ta' xoghol fil-komunita' li l-appellat diga skonta in konnessjoni mas-sentenza tal-Ewwel Qorti li giet annullata permezz ta' din is-sentenza.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lil hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u l-konsegwenzi jekk huwa ma joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation kif ukoll lil Ministru tal-Gustizzja.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Illum 2 ta' Lulju, 2020

Il-Pulizija

vs

Paul Spagnol

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Paul Spagnol gie misjub hati tas-seba' (7) imputazzjoni u tal-ghaxar (10) imputazzjoni kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l- Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hati Paul Spagnol, detentur tal-karta tal-identita' numru 224267(M) ikun ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal

tal-Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation u jzzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficcjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hati ghandu joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hati biex ma jerggax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati ohra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation *ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

..........................................

(firma tal-persuna mqeghda taht probation)

..........................................

(numru tat-telephone tal-persuna mqeghda taht probation)

**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Illum 2 ta' Lulju, 2020

Il-Pulizija

vs

Paul Spagnol

ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'

(MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil- Komunita'

Billi b'sentenza moghtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Paul Spagnol, detentur tal-karta tal-identita' numru 224267M u residenti Flat 32, Bieb D, blokk VIII, Triq il-Ballut, San Gwann, gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil- Komunita' (inkluzi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liggijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor sakemm dan l- Ordni jibqa' fis-sehh ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed jigi maghmul din l-Ordni, u illi l-hati wera' li jrid ihares il-

kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Ghalhekk, tordna li l-Hati Paul Spagnol, detentur tal-karta tal-identita' numru 224267M u residenti Flat 32, Bieb D, blokk VIII, Triq il-Ballut, San Gwann **jaghti erba' mija u tmenin (480) siegha xoghol/servizz fil-komunita' li jigi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, minn dan l-ammont ghandhom jitnaqsu s-sieghat ta' xoghol fil-komunita' li Paul Spagnol lehaq skonta** in segwitu tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) li sussegwentement giet annullata minn din il-Qorti, liema xoghol/servizz ghandu jsir taht is-sorveljanza ta' Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-hati ghandu jggib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficjal ghas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jzomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-ufficjal għas-Servizz fil-Komunita' mahtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha mahruġa lilu skont il-htiegga tal-kaz u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-hati ghandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn zmien għal zmien skont l- istruzzjonijiet mahruga lilu mill-Ufficjal ghas-servizz fil-komunita;

3.Li jwettaq b'mod soddisfacenti dawk is-sieghat kollha ta' xoghol siewi fil-Komunita f'dawk il-hinijiet u ghal tul ta' dak iz-zmien kif specifikat aktar 'il fuq;

4. L-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur;

5. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-Ufficcjal ghas-Servizz fil- Komunita' b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill- Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita';

6. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal għas-Servizz fil- Komunita' skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l- istess Ufficcjal ghas-Servizz fil-

Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita';

7. Il-hati ghandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xoghol ta' servizz fil- komunita';

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal- Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz li dawn il-kundizzjonijiet ma jigux segwiti, issir denunzja, mill-Ufficcjal ghas-Servizz fil-Komunita'quddiem il-Qorti kompetenti.

..........................................

(firma tal-persuna mqeghda taht Ordni ta' Servizz fil-Komunitá)

..........................................

(numru tat-telephone tal-persuna mqeghda taht Ordni ta' Servizz fil-Komunitá)